**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 129/2019**

**Il-Pulizija**

**Spettur (Darren Buhagiar)**

**Vs**

**Manuel Abela**

Illum 30 ta' Settembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Manuel Abela detentur tal-karta tal-Identita Maltija bin-numru 5980(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-lejl ta' bejn it-22 ta' Novembru 2010 u t-23 ta' Novembru 2010, għall-ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħaxija u s-siegħa u nofs ta' filgħodu, fi Triq Guże D'Amato Paola,

1) Ikkometta serq ta' *battery* tal-marka VARTA, *battery charger*, *fuses, relays* u *switches* minn ġo vettura tal-marka Isuzu tal-għamla *cherry picker* ta' lewn isfar u aħdar, bin-numru tar-reġistrazzjoni GNG 222, liema serq hu kkwalifikat bil-ħin, bil-mezz, bi-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-valur li ma jeċċediex l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-detriment ta' Godwin Horace Pio Attard minn Paola;
2) Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u cioe fuq vettura tal-marka Isuzu u tal-għamla *cherry picker*, ta' lewn isfar bl-aħdar bin-numru tar-reġistrazzjoni GNG 222, liema ammont ta' ħsara ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu

(€1,164.69) imma iżjed min mija u sittax il-euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) għad-detriment ta' Godwin Horace Pio Attard minn Paola.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-24 t'April, 2019 li wara li rat l-Artikli 17, 31, 28A, 28H, 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271, 278, 279, 280, 281, 325(1)(b) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' sena (1) priġunerija; iżda ordnat li s-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul dak il-perjodu ta' tlett (3) snin mid-data ta' din l-ordni, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, u dana kollu bis-saħħa ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9, l-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar li responsabbilita' tiegħu taħt l-artikolu 28B jekk huwa jikkometti matul il-perjodu operattiv  li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Bis-saħħa ta' l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti ordnat lill-ħati li jħallas lis-soċjeta assikurattiċi Elmo is-somma ta' €1,598.47 (ammont imħallas lil Godwin Attard) u lil Godwin Attard is-somma ta' €500 bħala kumpens għal telf minnu soffert u dana fi żmien sitt (6) xhur mid-data ta' din l-ordni.

Skond l-Artikolu 28H(8) tal-Kap.9, l-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilita' tiegħu skond dan l-artikolu jekk hu jonqos li jikkonforma ruħu ma' din l-ordni.

In oltre, bis-saħħa ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-ħati jħallas, lir-reġistratur, l-ispejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-espert Joseph Mallia fis-somma ta' €587.76 (ara folio 88).  Konsegwentement qed tordna komunika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunal ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Manuel Abela, ppreżentat fis-7 ta' Mejju, 2019, fejn talab lil din l-Qorti tirrevoka u tħassar is-sentenza, billi tilliberah mill-

akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, fl-eventwalita' ta' konferma ta' ħtija minn dina l-Qorti pari meritu bħal Qorti tal-Maġistrati, li tirriforma l-piena nflitta fuq l-appellant u minflok tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta kommensurata mal-fatti ta' dan il-każ.

Rat l-aggravji mressqa mill-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant qieghed jitlob revizjoni tad-decizjoni tal-Ewwel Qorti ghaliex jishaq illi l-grad tal-prova mehtiega bil-ligi sabiex tirrizulta l-htija ma giex milhuq u dan meta l-uniku prova li fuqha strahet l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha kienet impronta digtali wahda li giet imqabbla pozittivament mal-marka tas-subgha l-kbir tal-id il-leminija tieghu. Jishaq ukoll li l-Ewwel Qorti gustament ma strahietx fuq dak minnu dikkjarat fl-istqarrija rilaxxjata minnu lil pulizija u dan in vista tal-fatt illi din kienet prova inammissibbli billi ittieħdet bi ksur tad-dritt tiegħu ghal smiegh xieraq u dan skond ġurisprudenza kopjuża ta' natura kostituzzjonali. Fit-tieni lok jgħid ukoll illi l-ammont pretiż mill-kwerelant bhala danni subiti marbuta mal-kirjiet mitlufa għaż-żmien meta ma setax juza l-vann *cherry picker* li minnu saret is-serqa, hija waħda eċċessiva u finalment u mingħajr preġudizzju ghal dawn l-aggravji fil-mertu jilmenta illi l-piena imposta fuqu mill-Ewwel Qorti hija wahda oneruza fiċ-ċirkostanzi kemm tal-każ kif ukoll personali tiegħu.

Illi sabiex tistharreg dawn l-ilmenti ventilati mill-appellant il-Qorti fliet mill-gdid l-atti processwali u dan bil-ghan illi tqies jekk l-Ewwel Qorti setatx

legalment u ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha meta sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha lilu addebtati. Illi l-kaz taht il-lenti tal-Qorti, u tal-Ewwel Qorti qabilha, jikkoncerna serqa li sehhet fil-lejl bejn it-22 u it-23 ta' Novembru 2010, meta persuna mhux magħrufa kienet sgassat il-bibien tal-ġnub ta' vann *cherry picker* bin-numru ta' reġistrazzjoni GNG222 tal-għamla Isuzu u minn go l-istess vann insterqu batterija, *fuses*, *relays* u *switches.* Din il-vettura kienet ipparkjata fi Triq Guze Amato Raħal Ġdid u nstabet minn sidha Godwin Horace Pio Attard fl-istess post fejn kienet ġiet ipparkjata minnu fil-jum preċedenti għall-ħabta tat-20:30pm. Din il-vettura ġiet analizzata mill-pulizija tas-sezzjoni tal-forensika għal xi marki tas-swaba u fil-fatt ġew elevati ħames impronti b'mod ewlieni mill-parti interna tal-vettura. Wiehed mill-istess impronti gie mqabbel pożittivament mas-subgha l-kbir ta' id il-leminijia tal-appellant, filwaqt li l-ohrajn ma kenux tajbin ai fini ta' komparazzjoni. Meta l-appellant ġie mitkellem mill-pulizija hu rrilaxxa stqarrija u dan wara li kkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu fejn ammetta l-involviment tiegħu f'din is-serqa iżda saħaq illi wara li llieva l-bieba tal-karrozza b'turnavit hu kien seraq biss il-batterija tal-vettura filwaqt illi l-bqija tal-oġġetti li nstabu nieqsa ma kenux ġew misruqa minnu.

**Ikkunsidrat:**

Illi apparti għar-reat tal-ħsarat volontarji fuq il-vettura tal-parti leza liema hsara saret meta' giet illievata il-bieba, l-appellant jinstab prinċiplament akkużat bir-reat ta' serq aggravat bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta ta' ħaġa misruqa.

Illi kif inghad l-Ewwel Qorti sejset id-dikjarazzjoni ta' htija ghar-reati addebitati lill-appellant fuq il-marka tas-subgha il-kbr ta' l-id il-leminja tal-appellant li nstab fin-naha ta' gewwa tal-vettura, precizament fil-kompartament ta' gewwa n-naha tal-passiggier. Illi il-gurisprudenza kopjuza in materja hija konsoni meta tishaq illi mhux daqstant importanti in-numru ta' impronti li jigu misjuba fuq ix-xena ta' reat, izda l-kwalita tal-istess u cioe' jekk dawn humiex tajbin ai fini ta' komparazjoni bl-14 il-marka

karatteristika fuqhom u fuq kollox il-lok fejn jigu misjuba billi dan huwa indikattiv tal-involviment tal-persuna akkuzata fil-kummissjoni tad-delitt.

Illi gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Anthony Abela"** [28.5.1998] li l-prova tal-*fingerprint* ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova u legalment mhux necessarju li jkun hemm xi korroborazzjoni ta' din il-prova billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghall-htija tal-persuna akkuzata. Il-Qorti pero' kienet ghamlet distinzjoni bejn *fingerprints* li jinstabu f'postijiet pubblici bhal hwienet, knejjes, cinematografi, hwienet tax-xorb, diskoteki, ecc. li fihom imorru hafna nies u *fingerprints* li jinstabu f' xi dar ta' residenza. Il-Qorti qalet hekk fir-rigward :-

> **"Kienet tkun haga ferm differenti li kieku l-post derubat kien xi residenza privata u jigi stabbilit li ssuspettat, li instabu l-impronti digitali tieghu fuq il-post, qatt ma kien dahal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew li kien dahallu fir-residenza tieghu. F' dan il-kaz il-prova tal-fingerprints wahedha hija sufficjenti biex il-Qorti issib htija.**

Illi kif gie ritenut ukoll minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza "Il-Pulizija vs. Vincent Calleja" [7.3.2002] il-ligi taghna ma tistabbilix il-kriterji ta' numru ta' *"matching points"* jew *"points of comparison"* li ghandhom jinstabu fuq il-post tad-delitt jew xi repert iehor ma dawk tal-persuna suspettata. Fil-prattika pero' il-pulizija ghall-biex tmexxi l-investigazzjoni ulterjorment il-quddiem, tistrieh fuq '9 points'. Izda qabel ma tmur il-Qorti tkun trid li jkollha mill-inqas erbatax (14) il-*"point of comparison"*

L-awtur Blackstones spiss iccitat mill-qrati taghna fil-ktieb tieghu "CRIMINAL PRACTICE" (2001 edit.) (pagna 2311-2312) jghid testwalment hekk :-

> **"Properly presented *fingerprint evidence has long been accepted as providing sufficient identification, but,* in a case which depends wholly on such evidence, it is clearly essential that the defendant is linked to the relative prints by admissible evidence (Chappell v DPP (1988) 89 Cr App R 82).Finger print experts used**

**to seek at least 16 matching ridge characteristics between the suspect's print and the rime print before asserting that the prints come from the same person, but this has never been a strict legal requirement, and courts have a discretion to admit evidence based on fewer matching characteristics.**

**See for example BUCKLEY (1999) 163 JP 561 , in which the Court of Appeal upheld a robbery conviction following a trial at which the appellant was identified on the basis of a mere nine-point match. Rose LJ said :**

***"Finger print evidence , like any other evidence , is admissible .....if it tends to prove the guilt of the accused. It may so tend, even if there are only a few similar ridge characteristics, but it may, in such case, have little weight. It may be excluded in the exercise of judicial discretion, if its prejudicial effect outweighs its probative value....." He added that Courts or judges would have to consider, before exercising this discretion, the experience and expertise of the witness presenting it, the number of similar ridge characteristics identified, the presence of any dissimilar characteristics, the size of the crime print ...and the quality and clarity of that print ... Rose LJ still considered it "highly unlikely" that anything less than an eight-point match could be acceptable, in the absence of exceptional circumstances. The latest guidelines on fingerprint analysis emphasise the primacy of subjective evaluation when determining whether prints can be said to match, and no longer specify a need for any particular number of matching ridge characteristics."***

"Fil-fatt it-tendenza l-aktar recenti fl-Ingilterra hi li numru ferm inqas minn 14 il-punt (li rrizultaw f'dan il-kaz) jista' jkun bizzejjed biex tigi stabilita l-identita' tal-persuna suspettata.[1]"

Inghad ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Vincent Calleja[2]** :

**"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta'prova indizzjarja - "circumstantial evidence" - li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v. Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 "...works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post**

[1] Il-Pulizija vs Nazzareno sive Reno Zarb
[2] Deciza fis-7.5.2002 mill-Qorti tal-Appell Kriminali ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono.

**fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat."(Il-Pulizija vs Noel Frendo deciza 30 ta' Novembru 2004 – Appelli Kriminali Inferjuri)".**

Ukoll, skond is-sentenza fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs George Spiteri[3] mogħtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 ġie ddikjarat is-segwenti:

**Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.**

**L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.**

**Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.**

[3] Ippreseduta mill-Imħallfin Arrigo Noel V., Filletti Joseph A., Vella Patrick.

Madankollu skond is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Cyrus Engerer ġie ppuntwalizzat ukoll illi:

> **'…Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita'.**[4]

Illi l-uniku impronta digitali misjuba li qabblet mal-marka tas-subgha il-kbir tal-id il-leminija tal-appellant, kif inghad, giet elevata proprju minn-naha ta' gewwa tal-vettura u precizament mal-kompartament li jinsab fuq in-naha tal-passiggier. Gie stabbilit illi l-parti leza lill-appellant ma jafux u qatt ma iltaqa' mieghu sabiex b'hekk ma hemm l-ebda raguni gustifikabbli li setghet tpoggi lill-appellant gewwa vettura li ma kenitx proprjeta tieghu u li allura setghet awtorizzatu jmiss il-kompartament fejn giet misjuba il-marka ta' subghajh. Dan ifisser illi ma seta' kien hadd hlief l-appellant li sgassa l-bieba tal-vettura u ipproceda biex jisraq l-oggetti li gew misjuba nieqsa mill-parti leza.

**Ikkunsidrat:**

Illi stabbilit kwindi li l-prova maghmula permezz tal-impronti digitali kienet univoka u ghalhekk wahedha sufficjenti ghal sejbien ta' htija, l-Qorti xortawhda thoss li ghandha tirrimarka illi ghalkemm l-Ewwel Qorti ma strahietx fuq l-istqarrija rilaxxjata mill-appellant bhala prova sabiex tigi determinata l-htija tieghu, u ghalkemm l-appellant jishaq fl-aggravju minnu ntentat illi din ma kenitx prova ammissibbli li kwindi l-Ewwel Qorti

[4] Deċiża mill-Imħallef Michael Mallia nhar it-8.5.2014.

gustament skartat fil-konsiderazzjoniiet taghha, madanakollu mill-atti proċesswali ma jidhirx illi kienet tqajjmet xi kontestazzjoni dwar il-validita' ta' din l-istqarrija bħalma lanqas ma jidher illi l-Ewwel Qorti skartat l-istess bhala prova in atti matul il-proċeduri jew fis-sentenza tagħha. In oltre lanqas ma jressaq xi talba f'dan is-sens l-appellant, issa fi stadu ta' revizjoni u allura tali stqarrija hija parti mill-provi in atti u li *ex admissis* timplika b'mod dirett lill-appellant bhala l-persuna involuta fis-serqa mertu ta' dawn il-proceduri.

L-appellant madanakollu iqajjem din il-kwistjoni fil-kors tat-trattazzjoni maghmula quddiem din il-Qorti, bl-Avukat Generali minn naha tieghu madanakollu jishaq illi l-Qorti ghandha tiehu din l-istqarrija in konsiderazzjoni ukoll meta tigi biex tqies jekk id-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti fil-mertu kenitx wahda legalment u ragjonevolment valida.

Illi l-Qorti ma tistax ma tistriehx fuq l-insenjament recenti li gie tramandat mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem f'diversi decizonijiet moghtija minnha fosthom dik ta' Beuze vs Belgium[5], Doyle vs Ireland u l-iktar wahda li tolqot lil pajjizna Farrugia vs Malta fejn gie hekk imghallem:

> ***'In the light of the nature of the privilege against self-incrimination and the right to remain silent, the Court considers that in principle there can be no justification for a failure to notify a suspect of these rights. Where a suspect has not, however, been so notified, the Court must examine whether, notwithstanding this failure, the proceedings as a whole were fair. Immediate access to a lawyer able to provide information about procedural rights is likely to prevent unfairness arising from the absence of any official notification of these rights. However, where access to a lawyer is delayed, the need for the investigative authorities to notify the suspect of his right to a lawyer, his right to remain silent and the privilege against self-incrimination takes on particular importance (see Ibrahim and Others, cited above, § 273, and case-law cited therein).'***

[5] Deċiża nhar id-9.11.2018 mill-Qorti Ewropeja għall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, applikazzjoni no. 71409/10.

B'dan l-insenjament allura n-nuqqas ta' assistenza legali fl-interrogazzjoni ma jfissirx awtomatikament illi l-proċedura adoperata hija inamissibbli jew illi d-drittijiet fundamentali tal-persuna suspettata jkunu ġew leżi u dan peress illi wieħed irid iħares lejn il-globalita' tal-proċeduri sussegwentement istitwiti fil-konfront tal-persuna akkuzata biex jiddetermina jekk giex moghti is-smiegh xieraq imhaddan fil-Konvenzjoni.

> ***'the Court has indicated that account must be taken, on a case-by-case basis, in assessing the overall fairness of proceedings, of the whole range of services specifically associated with legal assistance: discussion of the case, organisation of the defence, collection of exculpatory evidence, preparation for questioning, support for an accused in distress, and verification of the conditions of detention (see Hovanesian v. Bulgaria, no. 31814/03, § 34, 21 December 2010; Simons, cited above, § 30; A.T. v. Luxembourg, cited above, § 64; Adamkiewicz, cited above, § 84; and Dvorski, cited above, §§ 78 and 108)'.***
>
> ***150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):***
>
> ***(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;***
>
> ***(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;***
>
> ***(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;***
>
> ***(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;***
>
> ***(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;***
>
> ***(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;***

***(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;***

***(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;***

***(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and***

***(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.***

L-istess prinċipji ġew applikati f'sentenza oħra tal-Qorti Ewropeja senjatament Farrugia vs Malta fejn a bażi ta' dawn il-prinċipji l-Qorti kkonkludiet illi:

> ***'while very strict scrutiny must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court, in the specific circumstances of the case, finds that having taken into account the combination of the various above-mentioned factors, despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer.'***[6]**.**

Illi minn ezami tal-istqarrija rilaxxjata mill-appellant fit-28 ta' Frar 2013 esebieta in atti bhala Dokument DB1, jirrizulta illi qabel ma gie interrogat huwa gie moghti il-jedd vigenti f'dak iz-zmien li jikkonsulta ma' avukat qabel jirrilaxxja l-istqarrija u hu fil-fatt għażel li juzufruwixxi ruhu minn dan id-dritt u kkonsulta mal-avukat Dr. Noel Camilleri. Mhux biss izda fuq kollox ma jidhirx illi l-istqarrija tieghu kienet l-uniku prova determinanti li fuqha l-Ewwel Qorti sejset is-sejbien ta' htija, izda fuq il-provi indizzjarji univoci li kien hemm fl-atti u dan allavolja hu ammetta l-involviment tieghu fis-serqa. Kwindi, fil-fehma tal-Qorti u fid-dawl tal-ġurisprudenza hawn fuq ccitata l-istqarrija rilaxxjata mill-appellant m'għandiex titqies inammissibbli bhala

[6] Farrugia vs Malta, deċiża nhar l-4.6.2019 mill-Qorti Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, Applikazzjoni no. 63041/13.

prova. Jinghad biss illi ghalkemm l-appellant jippretendi illi l-Qorti tqies l-istqarrija tieghu bhala prova inammissibbli, madanakollu imbaghad jistrieh fuq din il-prova sabiex jitlob lill-Qorti tkun miti mieghu meta tigi biex teroga l-piena li ghandha tigi inflitta fuqu f'kaz ta'sejbien ta' htija meta jitlob lil Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmula fl-istqarrija dwar l-involviment tieghu fil-kaz u wkoll l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija fl-investigazzjonijiet.

Illi ghaldaqstant ghal dawn il-motivi il-Qorti tqies illi ma ghandhiex titbieghed mill-fehma tal-Ewwel Qorti meta sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu mhux biss ghaliex fl-istqarrija huwa jammetti l-involviment tieghu fis-serqa, izda fuq kollox ghaliex il-provi indizzjarji ippogguh, minghajr ebda ombra ta' dubbju, fuq ix-xena tar-reat u kwindi dan l-aggravju marbut mal-mertu qed jigi michud.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-aħħar żewġ aggravji mressqa mill-appellant jikkonċernaw il-kumpens li gie kkundannat ihallas lill-parte ċivile illi fil-fehma tieghu huwa wieħed eċċessiv u mhux imsahhah mill-provi, kif ukoll illi l-piena mposta fuqu ghandha tigi varjata.

Illi l-appellant gie kkundannat iħallas l-ammont ta' €1598.47, liema somma giet mħallsa lill-parti leza mill-kumpanija ta'l-assikurazzjoni in segwitu ghas-serqa u dan apparti s-somma addizzjonali ta' €500 bħala kumpens għat-telf minnu soffert, liema somma għandha titħallas fi żmien sitt xhur. Issa mix-xiehda tal-parti leza Godwin Attard jidher illi hu kien qed jippretendi somma ferm akbar, rappreżentanti telf ta' kirjiet tal-vann in kwistjoni kkaġunati mill-impossibbilta' li l-*cherry picker* jintuza għal numru konsiderevoli ta' ġranet minħabba l-oggetti li nsterqu minnha, inkluż il-batterija, u minħabba t-tul ta' żmien illi dan ħa sabiex jissewwa. Dan ifisser illi l-Ewwel Qorti naqqset konsiderevolment l-ammont pretiż bħala kumpens da parti tal-parti leza u kwindi l-Qorti hija tal-fehma li m'ghandhiex tiskossa dina id-diskrezzjoni hekk ezercitata bis-sahha tal-artikolu 28H tal-Kodici

Kriminali fejn il-qorti ghandha is-setgha li tordna lil hati "jew li jħallas lil dik il-parti dak l-ammont ta' flus li jista' jiġi stabbilit mill-qorti f'dik id-direttiva bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra."

Bl-istess mod għal dak li jirrigwarda l-piena imposta fuq l-appellant ta' sena priġunerija sospiża għal tlett snin fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, l-Qorti tqies illi mhux biss dina l-piena taqa' fil-parametri tal-ligi izda tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, b'mod ewlieni dik li sservi ta' deterrent ghall-appellant milli jerga jaqa' fit-triq tal-kriminalita' u wkoll illi tinghata restituzzjoni xierqa lil vittma ta' dan ir-reat sabiex b'hekk din il-piena toħloq bilanċ xieraq bejn l-aspett riformattiv u dak retributtiv. Ghal dawn il-motivi anke dan l-aggravju qed jigi michud.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha bit-termini indikati fl-istess sentenza, bhala perijodu operattiv tas-sentenza sospiza u ghal hlas tal-kumpens lil vittmi, jibdew jiddekorru mil-lum.

Edwina Grima
Imhallef